**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' April, 2017**

**Talba Nru: 472/2016PA**

**Hydroelectric Limited**

**Vs€**

**Camilleri Mark**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-25 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, ħames mija, erbgħa u erbgħin Ewro u erba' ċenteżmi (€1,544.04ċ) bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lilu mill-istess soċjeta' attriċi, bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Ra l-*Istatement of Account* preżentat mis-soċjeta' attriċi bhala Dok.'A' (fol.2), datat 20 ta' Settembru 2016, li juri li l-ħlas mitlub jirrapreżenta l-prezz dovut għal erba' fatturi magħduda flimkien, u datati 24 ta' April 2015, 27 ta' April 2014 u 30 ta' April 2015.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' April 2017, is-soċjeta' attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, li bih riedet tipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra minkejja dan illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jiddeċiedi jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabilita', wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Wara li qies il-provi prodotti mis-socjeta' attriċi, u ra l-**art. 629(d)** tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jidhirlu li t-talba tagħha tinsab suffiċjentement pruvata, fuq bażi ta' bilanċ ta' probabilitajiet.

Kwantu għall-imgħax, billi s-soċjeta' attriċi naqset li tipproduċi kopja tal-fatturi imsemmija fl-*Istatement of Account*, li jiddeterminaw meta kellu jsir il-ħlas, u konsegwentement minn meta kellu jibda jiddekorri l-imgħax fit-termini tal-**art. 1141(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u tirriżulta biss id-data tal-*Istatement of Account* mibgħut lill-konvenut (fol.2), it-Tribunal ser iqis din id-data bħala dik li minnha għandu jitqies li beda jiddekorri l-imgħax favur is-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf, ħames mija, erbgħa u erbgħin Ewro u erba' ċenteżmi (€1,544.04ċ), bl-imgħax kummerċjali mill-20 ta' Settembru 2016 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**